## QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
### MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)

Avviż Nru: 45/2021 LC

**JOSEPH BORG**
**ESERĊITANTI L-KUMMERĊ BL-ISEM**
**"A J ELECTRIC"**
**(K.I. 365478M)**

**vs**

**PIERRE CAMILLERI**
**F'ISMU PROPIO U ESERĊITANTI L-KUMMERĊ BL-ISEM**
**"AQUALUX"**
**(K.I. 539064M)**

Illum, 8 ta' Novembru 2023

Il-Qorti,

Rat r-rikors ta' Joseph Borg eserċitanti l-kummerċ bl-isem "A J Electric" fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-intimat iħallsu s-somma ta' erbatax-il elf, sitt mija u wieħed u sittin Ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€14,661.95) rappreżentanti l-prezz ta' diversi oġġetti minnu mixtrija u lilu kkonsenjati mingħand l-attur u dan skont ma jirriżulta ampjament mill-*istatement* tas-soċjetà attriċi hawn akkluż u mmarkat bħala dokument "A";

Bl-imgħax legali kalkolabbli mit-22 ta' Lulju 2019, data ta' l-aħħar konsenja, sal-ġurnata tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż kompriża dawk tal-ittra lilu mibgħuta u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju preżentat kontestwalment mal-preżenti, kontra l-konvenut li minn issa huwa nġunt in subbizzjoni;

Rat ir-risposta ta' Pierre Camilleri fejn eċċepixxa illi:

1. Illi din hija r-risposta ai termini tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-4 ta' Ottubru 2021, għar-rikors tal-attur ippreżentat nhar il-25 ta' Frar 2021, permezz ta' liema, ir-rikorrenti talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lill-esponenti jħallas lir-rikorrenti s-somma ta' erbatax-il elf, sitt mija, u wieħed u sittin Ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€14,661.95) rappreżentati prezz ta' oġġetti li r-rikorrenti biegħ lill-intimati;

2. Illi, preliminarjament, l-esponenti qiegħed jeċċepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2148(b) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioe' t-terminu ta' tmintax-il xahar;

3. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jirrispinġi l-allegazzjonijiet kolla attriċi fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont mhux dovut;

4. Illi fil-fatt, l-*istatement* anness mar-rikors promotur jirreferi għal "invoices" u mhux għal "requests for payment". Meta tinħareġ l-*invoice*, il-preżunzjoni tkun illi l-ammont mitlub ikun diġà ġie imħallas, tant illi fuq *invoice*, xi ħadd bħar-rikorrenti li għandu numru tal-VAT bl-ittri MT, ikun dovut iħallas il-VAT, u fil-fatt suppost ir-rikorrenti ħallas dak l-VAT;

5. Illi in oltre' u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti qatt ma interpella lill-esponenti sabiex iħallas, anzi minn dak li jirriżulta mill-*istatement* anness minnu mar-rikors promotur, ir-rikorrenti baqa' jagħtih materjal minkejja li allegatament l-esponenti ma kienx qed iħallsu u għalhekk, kien ir-rikorrenti li allegatament ħalla l-ammont jakkumula;

6. Illi in oltre', u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti umilment jirrileva illi dak li ġie preżentat mir-rikorrenti mar-rikors promotur huwa biss *statement* u kull fattura illi dak l-*istatement* jirreferi għaliha ma ġietx annessa. Huwa ben stabbilit li min jallega jrid jipprova u għalhekk kwalsiasi allegazzjoni tar-rikorrenti trid tiġi pprovata sal-grad rikjest mil-liġi;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-liġi;

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u/jew provvedimenti neċessarja u/jew opportuna, jogħġobha tiċħad it-talba attriċi.

Rat id-dokumenti kollha eżebiti;

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Frar 2023, il-partijiet qablu li l-Qorti għandha tagħti sentenza waħda kemm fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni preliminari kif ukoll dwar il-mertu tal-vertenza;

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Lulju 2023, il-partijiet informaw lill-Qorti illi kienu qed jikkoltivaw il-possibilità' li jilħqu ftehim dwar il-preżenti vertenza, liema ftehim ġie ppreżentat lill-Qorti fil-21 ta' Lulju 2023;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi l-ftehim milħuq bejn il-partijiet nhar it-12 ta' Lulju 2023 jistipola illi l-intimat għandu jħallas lir-rikorrenti s-somma ta' €14,661.95, ossija s-sorte mitlub fil-preżenti proċeduri. Il-pagamenti għandhom isiru b'modalità sbatax-il pagament mensili konsekuttiv fl-ammont ta' €700 kull pagamanent, fl-aħħar ta' kull xahar bl-ewwel pagament isir fil-31 ta' Awwissu 2023. Inoltrè, l-intimat għandu jagħmel pagament ta' €2,400 mal-iffirmar tal-ftehim u pagament ieħor ta' €361.95 flimkien mal-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri mal-għeluq tat-tmintax-il xahar.

Illi l-partijiet ftehmu wkoll li kemm-il darba l-intimat iħallas l-iskadenzi tempestivament, ir-rikorrenti mhux se jeżiġi l-ħlas ta' l-imgħax. Fl-eventwalità, madanakollu, li l-intimat ikun moruż f'xi pagament, l-imgħax jibda jidekorri skond il-ftehim kif ukoll jitlef il-benefiċċju taż-żmien għall-pagament b'sempliċi avviż, skont kif hemm miftiehem;

Ikkonsidrat;

Illi minn eżami tal-provi preżentati s'issa, il-Qorti hija sodisfatta li t-talba tar-rikorrenti hija tassew mistħoqqa u li l-ammont minnu pretiż huwa ġustifikat u riżultanti mill-provi prodotti sa' dan l-istadju;

Illi di più, il-Qorti, wara li eżaminat il-ftehim milħuq u ppreżentat in atti ma tara ebda raġuni għalfejn għandha tiċċensura jew tvarja tali ftehim li, wara kollox, sar fuq il-bażi legali ta' *pacta sunt servanda*, ossija li dak li huwa maqbul bejn il-partijiet għandu jifforma liġi bejniethom, purchè li tali ftehim ma jmurx kontra l-liġi jew jikser l-ordni pubbliku;

**Deċide**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement tikkundanna lil Pierre Camilleri (K.I. 539064M), iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' erbatax-il elf, sitt mija u wieħed u sittin Ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€14,661.95) u dan fil-modalità riportata fil-ftehim iffirmat bejn il-partijiet fit-12 ta' Lulju 2023, inkluż il-modalità tal-pagament tal-imgħax, jekk ikun il-każ.

Bl-ispejjeż tal-preżenti kif ukoll dawk tal-ittra legali u tal-Mandat ta' Sekwestru ppreżentat kontestwalment mal-preżenti avviż ikunu a karigu esklussiv tal-intimat.

Għal kull bwon fini, il-Qorti qed tiddikjara illi l-ftehim milħuq bejn il-partijiet fit-12 ta' Lulju 2023 għandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

**Ft. Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**